MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 1555/2000/1

**Avviz numru 1555/2000DM**

**Ronald Galea u martu Maria Grazia Galea**

**Vs**

**Maltacom p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew illi :-

1 B'sentenza moghtija fit-22 ta' Novembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet inversi (Avviz Nru. 1105/99MM) is-socjeta konvenuta odjerna giet kanonizzata kreditrici tal-atturi odjerni fis-somma ta' tmien mija hamsa u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm855.22c) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 666932 (Customer Number 324574) skond ftehim anness

ma dik il-kawza u markat Dokument “A” u skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta’ Maltacom plc), flimkien ma l-imghax u spejjez gudizzjarji nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Marzu 1999;

2 L-imsemmija sentenza nghatat fuq kapitolu pprezentat mis-socjeta konvenuta odjerna, ghall-liema kapitolu l-atturi odjerni qatt ma kienu rrispondew ghalih ghaliex qatt ma kienu jafu u/jew gew notifikati bl-Avviz promotur tal-kawza;

3 Kif jidher mill-atti ta’ dik il-kawza, b’digriet moghti fl-1 ta’ Novembru 1999, din il-Qorti akkordat it-talba tas-socjeta konvenuta odjerna sabiex in-notifika tal-atturi odjerni ssir permezz tal-proceduri tal-affissjoni;

4 L-atturi odjerni, fid-data tal-ezekuzzjoni tan-notifika bl-affissjoni la kienu jirrisjedu fl-indirizz indikat mis-socjeta konvenuta odjerna (li hu indirizz ta’ fabbrika) u lanqas kienu jahdmu f’dak l-indirizz;

5 Inoltre, kif jidher mill-istess atti, s-socjeta konvenuta odjerna naqset li ggib pubblikazzjoni tal-Avviz sija fil-Gazzetta tal-Gvern u sija f’xi gazzetta jew gazzetti lokali kif stipulat fl-Artikolu 187 (3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

6 Ghalhekk l-Avviz f’dik il-kawza qatt ma gie notifikat skond il-ligi lill-atturi odjerni li kwindi huma ntitolati jitolbu r-rittrattazzjoni tal-kawza ai termini tal-Artikolu 811(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7 L-atturi odjerni saru jafu l-ewwel darba bis-sentenza fuq imsemmija b’ittra datata 10 ta’ Awissu 2000 indirizzata d-dar taghhom (Dok A);

8 Fil-meritu, l-atturi m’ghandhomx x’jaqsmu mas-somma u meritu ta’ dik il-kawza stante li l-linja in kwistjoni u s-servizz relattiv kienu minn dejjem u ghadhom ta’ responsabbilta esklussiva tas-socjeta Five Effs Cold Stores Ltd. li maghha l-attur odjern kien biss manager xi snin ilu filwaqt li l-attrici odjerna qatt ma kellha x’taqsam ma dik is-socjeta;

U talbu li din il-Qorti:-

1 Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fuq riferita deciza fit-22 ta’ Novembru 1999 ai termini tal-Artikolu 811(a) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2 Tichad bl-ispejjez it-talbiet attrici f'dik il-kawza ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija;
3 Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenut li hija ngunta ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Maltacom plc fejn eccepiet illi:

1 Rigward l-ewwel talba ghandu jigi pruvat bi provi guramentati li l-atturi saru jafu l-ewwel darba bil-kawza odjerna jew bis-sentenza permezz tal-ittra tal-10 ta' Awissu 2000, mentri s-sentenza kienet ilha inghatat kwazi disgha (9) xhur, mehud kont tal-fatt li l-atturi messhom kienu jafu bl-esistenza tal-kawza odjerna in vista tal-affissjoni li saret fl-indirizz il-Marsa, l-ufficcju tal-Kunsill lokali u l-Ghassa tal-Pulizija tal-Marsa;
2 Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tas-socjeta' Maltacom plc migjuba fl-Avviz originali fil-konfront tal-konvenuti ghandhom jigu fi kwalunkwe kas milqugha bl-ispejjez kontra taghhom billi kien il-konvenut proprju li iffirma l-ftehim relattiv minghajr ma indika li kien qed jiffirma ghan-nom ta' kumpanija;
3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dijarazzjoni tas-socjeta konvenuta Maltacom plc fejn ddikjarat illi:

1 Dwar il-fatti dikjarati fid-dikjarazzjoni guramentata ta' Ronald Galea ghandu jinghad illi dwar l-ewwel talba ghandu jigi pruvat bi provi guramentati li l-atturi saru jafu l-ewwel darba bil-kawza odjerna jew bis-sentenza permezz tal-ittra tal-10 ta' Awissu 2000, mentri s-sentenza kienet ilha inghatat kwazi disgha (9) xhur, mehud kont tal-fatt li l-atturi messhom kienu jafu bl-esistenza tal-kawza odjerna in vista tal-affissjoni li saret fl-indirizz il-Marsa, l-ufficcju tal-Kunsill lokali u l-Ghassa tal-Pulizija tal-Marsa;
2 Fil-meritu il-ftehim li kopja tieghu tinsab anness mall-atti tal-Avviz originali gie iffirmat minn Ronald Galea minghajr ebda indikazzjoni li qed jiffirma f'xi kapacita' ohra ghajr dik personali u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta Maltacom plc migjuba fl-Avviz originali fil-konfront tal-

konvenuti ghandhom jigu fi kwalunkwe kas milqugha bl-ispejjes kontra taghhom kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-digriet tal-24 t'Ottubru 2001 fejn ordnat li jigi allegat il-process ta' l-avviz numru 1105/99 MM fl-ismijiet *Maltacom plc vs Ronald Galea et* deciz fit-22 ta' Novembru 1999.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-11 t'Ottubru 2002 fejn giet milqugha t-talba attrici ghar-ritrattazzjoni tal-kawza deciza imsemmija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti komprizi l-atti tal-avviz numru 1105/99MM

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontestazzjoni tal-attur Ronald Galea, ghat-talba maghmula mill-konvenuti bl-avviz taghhom precitat numru 1105/99, tirrigwarda l-allegazzjoni illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur billi hu qatt ma agixxa f'ismhu proprju izda dejjem bhala rapprezentant tal-kumpanija Five Effs Cold Stores Ltd li ghandhom ikunu huma citati biex jirrispondu ghat-talbiet tal-kumpanija Maltacom dwar l-uzu ta' linja telefonika in kwistjoni.

Il-kumpanija konvenuta, minn-naha taghha pproduciet l-applikazzjoni originali permezz ta liema giet istallata l-linja telefonika ndikata fl-avviz in kwistjoni. Minn din l-istess applikazzjoni (esibita a fol 42 tal-process u mmarkata bhala dokument X), jirrizulta bic-car illi Ronald Galea kien iffirma esklusivament ghan-nom u fl-interess tas-socjeta Five Effs Cold Stores Ltd u anke l-istess *application form* giet intestata bhala mibghuta mill-istess kumpanija Five

Effs Cold Stores Ltd ta’ 28 /33 , New Harbour Extension, Coal Wharf, il-Marsa.

Din l-applikazzjoni hija datata 18 ta’ Lujlu tal-1971 u insegwitu kienet giet segwita b’applikazzjoni ohra iffirmata mill-istess Ronald Galea fit-23 ta’ Settembru tal-1988 fejn anke gie rikjest illi s-subscriber ghal-linja telefonika in kwistjoni kellu jigi ndikat fid-direttorju bl-isem Five Effs Cold Stores Ltd.

In konferma ta dan l-istess kumpanija Maltacom kienet indikat li l-linja in kwistjoni tispetta lis-socjeta Five Effs Cold Stores Ltd u hekk giet indikata fid-direttorju tal-1998, estratt ta liema gie esibit a fol 32 tal-process.

Dawn id-dokumenti wahedhom huma bizzejjed biex jiggustfikaw lill-attur Ronald Galea, izda d-deposizzjoni tieghu tkompli turi li huwa, fil-kapacita tieghu personali, verament estraneu ghall-linja telefonika in kwistjoni, u li huwa kien biss impjegat tal-kumpanija Five Effs Cold Stores fil-karika ta’ manager u qatt ma kien lanqas direttur ta’ din l-istess kumpanija.

Ghaldaqstant l-atturi m’ghandhom ebda relazzjoni mal-kumpanija Maltacom ghal dak li jirrigwarda l-linja tat-telefon bin-numru 666932 Customer Nru 324574 u konsegwentement din il-Qorti qeghda tilqa t-tieni talba tal-atturi u ghalhekk qedgha tichad it-talba tal-kumpanija Maltacom kif dedotta fl-avviz Numru 1105/99MM fl-ismijiet “Maltacom plc vs Ronald Galea u Maria Grazia Galea” billi tiddikjara illi dawn l-istess talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Maltacom plc.

--------------------------------TMIEM--------------------------------